# ID-DOTA TA' OMMI

RAFEL BONNICI CALI u ohtu LORENZA

Ghalkemm ommi, Marija Karmela mwielda Cali' tejget fl'1895 meta kellha tmintax il-sena, nistghu inqisu li id-dota li hadet minn ghand missierha, Mastru Wenzu Cali', illum saret ta' siwi ghall-folklor billi il-hajja u d-drawwiet inbidlu hafna, specjalment l-ghamara tad-dar u hwejjeg ohra li dari kienu jinghataw b'dota lix-xebbiet. Dawn l-oggetti qodma illum aktarx saru stmati bhala antikitajiet u ki bdew jissejhu xogholijiet vittorjani minn isem ir-regina Vittorja li damet issaltan fuq il-gzejjer taghna snin twal, li ma' tulhom dahlu f'Malta drawwiet u oggetti Nglizi fit-tizjin tad-dar. Issa ahna ga kellna oggetti ta' nfluwenza Taljana, Franciza, Spanjola, Griega u Gharbija, u ma nghidu xejn, xogholijiet Maltin antiki bhas-senduq u s-siggijiet tal-maqghad tas-soda u sodod tal-hadid lixx bla ornament.

Ghalhekk fid-dota ta' ommi kienhemm xogholijiet tradizzjonali Maltin fosthom siggijiet komuni bil-maqghad tas-soda, bhal dawk li kien hawn fil-knejjes sa ftit snin ilu, ukoll banketti, mwejjed u gwardarobba, armarju kif ukoll kradenza, u librerija nofsha bil-kxaxen u nofsha bil-hgieg, versjoni Maltija ta' l-iskrittorju Taljan, u bureau Franciz li xi Maltin isejhulha skansija. Imma ommi kellha wkoll ghamara ta' tip Ingliz fosthom ix-showcase li dari kienet imsejha vetrina, is-sideboard li dari kien imsejjah xafunier, u affarijiet ohra li issa naraw kif zejnet id-dar taghha bihom.

Ommi kienet mara li kienet thobb tirrakkonta fuq il-hajja taghha, u fost hwejjeg ohra kienet qaltilna fuq it-tieg taghha ma' missieri, Fredu Bonnici, u fuq l-ewwel dar li krew f'Hal Tarxien fejn kien sar it-tieg taghhom. Hi u l-gharus kienu

t-tnejn mill-Birgu. F'dak iz-zmien, in-nannu Wenzu, missier ommi, kien qed jahdem, billi jghin lil-huh, il-famuz pittur Guze', fil-pittura tal-kor tal-knisja ta' dan ir-rahal; it-tieg sar f'din il-knisja, u ghalhekk gew bosta mistednin mill-Birgu.

Id-dar ta' l-gharajjes f'dan ir-rahal kienet fi triq Lanzun, dar zghira, mhux antika wisq, izda saritilha zieda ta' dik li tisseejjah antiporta wara l-bieb ta' barra, bhall-uzu ta' l-ibliet. Din kienet bieb, li aktarx kienet tissejjah ukoll boxxla, jew bieb tal-ggieb, haga li nghogbot hafna, u u ghalhekk saru ohrajn bhala fi djar ohra tar-rahal. Fl-intrata tad-dar, ommi poggiet il-pozambrella, bicca ghamara moderna ghall-dak iz-zmien, mahsuba biex maghha tiddendel l-umbrella, il-kappell, il-basket u bzonnijiet ohra kemm ghan-nisa kif ukoll ghall-irgiel. Din il-bicca ghamara kellha wkoll mera biex isservi biex dak li jkun jara wiccu u l-biesu qabel johrog barra. Fl-irkejjen kienhemm qastri tal-gebel, qishom kolonna bil-qsari fuqhom, u fil-genb kienhemm bieb li jaghti ghall-kamra tal-persjana, imsejha hekk, ghax it-tieqa li taghti ghat-triq, ikollha l-putelli mixquqin biex minnhom wiehed jista' jara x'hemm fit-triq bla hadd ma jarah, u jista' jissemma' x'jinghad barra t-triq; ghalhekk kienu laqqmu l-persjana 'il-post tas-sindikaturi'. F'din il-kamra kienhemm sofa' li l-antiki kienu jsejhulu kanape', pultruna, u ghadd ta' siggijiet ghal min izur id-dar, waqt li fin-nofs kienhemm mejda zghira, u lampa tal-pitrolju mdendla mas-saqaf, b'cirku u ktajjen tal-metall, xoghol importat minn Franza, ghax fir-rahal la kellna gass, u lanqas dawl elettriku. Mal-hitan kienhemm xi erba' nkwatri, stampi ta' veduti u xi incizjonijiet fi gwarnic tal-kawba, kif ukoll zewg brazzi bix-xemgha. Mill-kontra intrata wiehed kien jidhol fil-kamra ta' l-ikel li kienet imzejna b'mejda, sideboard, (xafunier), kif ukoll armarju jew dispensa ghall-harsien tal-hobz, gobon u ikel iehor, kollox ta' l-injam ta' l-abjad mizbugh.

Is-siggijiet kienu tas-soda, u mal-hajt kienhemm stampa sabiha ta' l-Ahhar Cena ta' Kristu ma' l-Appostli, inkwatru li ghadu ghandna sallum.

Mbaghad kienhemm il-kcina bis-saltu fuglar kbir tal-gebel, izda kienhemm ukoll il-famuz kenur tal-gebel ukoll, u bl-imrewha tonda tieghu, mahduma mill-weraq tal-palm, xoghol l-Gharab li jigu mill-Afrika ta' Fuq. li kienu jbieghu ukoll zejt tazzebbuga, helwa tat-tok, karawett, habbghaziz, pirkani(kutri hoxnin tas-suf), tapiti, hsajjar tal-qasab,tajbin ghall-bibien kontra d-dubbien. Fil-kcina kienhemm id-duh mehtieg: garra kbira li ghadha ghandha, qolla, bomblu, lembija, zingla, bwieqi u buqari tal-fuhhar u borom, kzazel u pagni tac-caqquf. Fost affarijiet ohrajn kienhemm borma specjali, tissejjah baqra, bilghatu, li fiha kien jissajjar il-fenek, borma kurjuza li ftit ghad fadal minnha. Mill-kcina kienhemm il-bieb ghall-bitha u bicca hamrija, li fiha kienhemm garra kbira li fiha jintefa' l-irmied tal-fuglar u l-kenur halli jithallat ma' l-ilma, u b'hekk fid-dar ikunhemm il-lessija li tintuza flok is-sapun biex il-hwejjeg jitnaddfu ahjar.

Mill-kontra ntrata kien jibda t-tarag ghas-sular ta' fuq fejn kont issib kamra ta' l-irqad bit-tieqa u l-gallarija ghattriq, u din kienet imzejna b'l-ahjar ghamara tal-kawba, gwardarobba, gredenza, kommodina, mejda tat-twaletta, mejda talfriskatur(lavaman), kollox imzejjen bl-iskultura u bl-ucugh ta' l-irham abjad. Kienu xoghol mill-ahjar tad-ditta Serracino ta' Bormla. Kienhemm ukoll sodda kbira tal-hadid fondut bil-pumi tar-ramm fuq l-erba' pilastri. Tiskantaw meta tkunu tafu li kollha f'sett qamu biss ghoxrin lira. Din is-sodda kellha testiera dekorata u cielu biex mieghu jiddendlu l-purtieri talkurtinagg abjad bil-frenza u bizzilla, li ghadu ghandna b'tifkira. Ukoll l-ghamara li semmejt ghadha ghandna fi stat tajjeb u turi l-istil Vittorjan Malti.

Hawn insibu wkoll ghadd ta' siggijiet tal-qaghqa, bil-maqghad tal-kannadindja, kif ukoll sopraporti ta' l-injam miksija bi pjanci tar-ramm dekorat imqabbez(bassoriliev), li ghadhom ukoll ghandna. Fuq is-sodda kienhemm kwadru tas-Sagra Familja, u mal-hitan kwadri taz-zejt, fosthom Sant'Anna u San Gakbu li ommi wirtet minn ghand in-nanniet. F'dan is-sular kienhemm ukoll zewg kmamar izghar, b'ghamara aktar semplici, bhal siggijiet ta' Trieste bil-maqghad kwadru. F'wahda minn dawn il-kmamar kienhemm l-ixkaffa tal-Madonna, imsejha hekk ghax fuqha kienhemm xbieha tal-Madonna bil-Bambin, u tazza taz-zejt tixghel bi ftitla zghira msejha lumina, xkaffa li kont issibha f'kull dar Maltija, sahansitra f'kull hanut tax-xoghol u kummerc. Ahna u nezlin it-tarag, niltaqghu ma' kolonna tal-gibs vergni f'kull rokna, bi statwi ta' qaddisin, fuqhom, mahduma wkoll tal-gibs, li kienu moda hafna. Minn dawn fadlilna l-figura ta' San Gwann Battista, tfakkjel mill-isbah, u Statwa Tal-Madonna tal-Karmnu, it-tnejn ghadhom kif zebaghhom in-nannu Wenzu li kien artist, restawratur tal-pittura u nduratur. Fadlilna wkoll statwi zghar ta' l-Ecce Homo u d-Duluri li kienu jitpoggew fuq il-gredenza flimkien ma' zewg vazuni bil-fjuri artificjali taht il-bozza tal-hgieg. Nisthajjel li tghidu dinid-dar imzejna qisha knisja, u tabilhaqq il-genituri tieghi kienu jqisu d-dar l-istess bhad-dar t'Alla, biex Alla jkun il-padrun tad-djar taghna skond l-ghajdut ta' niesna antiki.

Mhux ta' min jinsa, li barra l-ghamajjar u oggetti ohra li semmejt, ommi kellha dota akbar, il-hila ta' mohhha u x-xoghol ta' jdejha, bhal hwejjeg u bjankerija li hadmet b'idejha stess. Kienet tinqala' ghax-xoghol tal-hjata, bizzilla, rakkmu u ghal-hekk zejnet hwejjigha, li minnhom fadlilna xi ftit immarkati bl-inizjali taghha M.C.C. irrakkmati bil-harir minn idejha stess, ghax hekk kienet l-uzanza tax-xbejbiet ta' zmienha. Kellha ghalhekk, magna tal-hjata li ghadha wkoll ghandna, li min jaf

kemm hadmet biha biex taghmlilna l-hwejjeg, u kemm iffrankat flus biex setghet izzomm id-dar mill-ahjar li setghet, ghax missieri ma kellux qliegh kbir. Tifkiriet ohra huma xaqliba u lozor bil-marki taghha irrakkmati fuqhom, u kutri li ghamlet bil-bcejjec tad-drapp qadim, li hetet ma' xulxin, b'bosta kuluri, irhas imma tajbin. Kellha wkoll habta tqatta' il-fdal ta' drappijiet fi bcejjec zghar u thithom fuq drapp ta' l-ixkejjer u tohrog minnhom tapiti ta' l-art, b'disinji mill-isbah li tfassal hi stess. Ghad fadlilna wiehed li ghamlet b'tifkira ta' meta telghet fuq it-tron ir-regina Elizabbetta II, li juri sfond ikhal u f'nofsu l-ittri E.R.II sofor u borduri sewda. Ix-xoghol ta' jdejha hu l-akbar tifkira taghha.

Mad-dota taghha, missieri kien gab mieghu ftit xarbitelli ohra, fosthom arlogg tal-kampnar, imsejjah hekk ghax il-kaxxa tieghu tal-kawba kellha ghamla ta' kampnar ta' knisja bil-ponta. Dan kien jissejjah ukoll arlogg tal-lira, ghax daqshekk kien jinxtara; kien idoqq is-sieghat fuq molla, u ghadu ghandna. Meta l-familja kibret, missieri ried jikri dar akbar, izda sidha ghazel li ma riedx jikriha lill-genituri tieghi, ghax qal li huma jhobbu jiksu l-hitan bl-inkwatri u ghalhekk bl-imsiemer kienu jaghmlu hsara l-hitan. Kien bniedem injorant u xhih, u ma kellu l-ebda nkwatru f'daru li kienet qisha habs. Dan l-imsejken kien miet bi tbaqbieqa ghax qribu mar joqghod inliz li dahhal it-telefon, u hadha mal-haddiema li gew iwahhlu l-linja mal-hajt ghax qal li ser jirrovinawlu l-faccata tad-dar; mur gibu llum meta mad-dar tieghu ghaddew linji mhux biss tat-telefon, imma wkoll tal-Cable Radio u erba' linji ta' l-elettriku!

Rajna kif kienet imzejna d-dar tal-genituri tieghi li tixhed il-kultura taghhom; nies tal-medja klassi li kien jisthoqqilhom igawdu r-rispett tal-girien u tar-rahal kollu, u b'hekk saru bicca wahda maghhom u baqghu mahbubin sa mewthom.